



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.10.2016
COM(2016) 663 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali¹ (ir-Regolament) introduċa qafas komuni għall-ġbir, il-kompilazzjoni, it-trażmissjoni u l-evalwazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej. L-Artikolu 10 tar-Regolament jistipula dan li ġej:

Sal-31 ta' Diċembru 2013 u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari l-kwalità tad-dejta trażmessa, il-metodi ta' ġbir ta' dejta, il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet risponenti, kif ukoll il-fattibbiltà u l-effikaċja ta' dik l-istatistika.

Ir-rapport, jekk xieraq u b'kont meħud tas-sejbiet imsemmija fl-Artikolu 4(2), għandu jiġi akkumpanjat minn proposti:

- għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali, bħall-Infiq u d-Dħul għall-Protezzjoni Ambjentali (EPER)/Kontijiet ta' Infiq għall-Protezzjoni Ambjentali (EPEA), is-Settur tal-Prodotti u s-Servizzi Ambjentali (EGSS); il-Kontijiet tal-Enerġija, it-Trasferimenti Relatati mal-Ambjent (sussidji), il-Kontijiet ta' Nfiq għall-Użu u l-Ġestjoni tar-Riżorsi (RUMEA), il-Kontijiet tal-Ilma (kwantitattivi u kwalitattivi), il-Kontijiet tal-Iskart, il-Kontijiet tar-Riżorsi Forestali, il-Kontijiet tas-Servizzi tal-Ekosistemi, il-Kontijiet ta' Ħażniet ta' Materjal Mifruxin mal-Ekonomija Kollha (EW-MSA) u l-kejl ta' materjal imħaffer mill-art u mhux użat (inkluża l-ħamrija);

- imfassla biex ikompli jtejbu l-kwalità tad-dejta u l-metodi tal-ġbir ta' dejta, biex b'hekk jittejbu l-kopertura u l-komparabbiltà tad-dejta u jitnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozji u l-amministrazzjoni.

L-ewwel rapport imħejji skont dan l-Artikolu ġie ppubblikat fl-2013². Dan huwa t-tieni rapport. It-Taqsima 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kontijiet ekonomiċi ambjentali. It-Taqsima 3 tirrapporta fuq l-iżviluppi li saru mill-aħħar rapport 'l hawn. It-Taqsima 4 tiddiskuti l-miżuri meħudin sabiex titjieb l-implimentazzjoni tar-Regolament.

¹ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02011R0691-20140616>

² <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:52013DC0864>

2. IL-KONTIJET EKONOMIĊI AMBJENTALI

Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali huma sistema statistika li tiġbor flimkien informazzjoni ekonomika u ambjentali sabiex, minn naħa, tkejjel il-kontribuzzjoni tal-ambjent lejn l-ekonomija u, min-naħa l-oħra, tkejjel l-impatt tal-ekonomija fuq l-ambjent. Joffru mezz sabiex jiġu ssorveljati l-pressjonijiet li tixħet l-ekonomija fuq l-ambjent u sabiex jinstabu soluzzjonijiet li jnaqqsuhom. Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali jorganizzaw dejta ambjentali minn numru kbir ta' oqsma differenti li jużaw l-istess kunċetti u terminoloġija bħall-kontijiet nazzjonali. B'hekk, juru l-interazzjoni bejn il-fatturi ekonomiċi, ambjentali u tal-unitajiet domestiċi u, għaldaqstant, huma iktar informativi mill-kontijiet nazzjonali waħedhom.

Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali jipprovdu informazzjoni fuq spettru wiesa' ta' kwistjonijiet ambjentali u ekonomiċi. B'mod partikolari, jistgħu jintużaw sabiex jiġu vvalutati x-xejriet fl-użu ta' riżorsi naturali, il-livell ta' emissjonijiet u l-iskariki fl-ambjent li jirriżultaw mill-attività ekonomika, u l-firxa ta' attivitajiet ekonomiċi mwettqin għal għanijiet ambjentali. Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali juru l-ammont ta' tniġġis li jipproduċu l-industriji u l-unitajiet domestiċi u jippermettu sabiex dan jiġi evalwat fil-kuntest tal-impjiegi u l-valur tal-produzzjoni li jipproduċu dawn is-setturi, u tan-nefqa tagħhom fuq it-tnaqqis tat-tniġġis.

Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali jipprovdu qafas integrat għall-produzzjoni ta' dejta, għall-kalkolu ta' indikaturi u għat-twettiq ta' analiżijiet. L-integrazzjoni ta' dejta marbuta mal-ambjent fil-qafas tal-kontijiet nazzjonali tagħmel l-indikaturi kkalkulati iktar konsistenti u tippermetti sabiex l-analiżi tinkludi l-aspetti soċjali tal-iżvilupp sostenibbli u l-aspetti marbutin mal-impjiegi tat-tkabbir ekoloġiku.

Ir-Regolament jistabbilixxi l-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej. Ir-Regolament jorganizza l-kontijiet f'moduli. Oriġinarjament ħoloq tliet moduli (l-Annessi I sa III tar-Regolament), kif ġej:

- **Il-kontijiet tal-emissjonijiet tal-arja:** l-emissjonijiet fl-atmosfera ta' sitt gassijiet serra (inklużi fost l-oħrajn: CO₂ u CO₂ mill-bijomassa użata bħala fjuwil) u seba' sustanzi li jniġġsu l-arja, b'disaggregazzjoni li tkopri 64 industrija emittenti kif ukoll unitajiet domestiċi.
- **It-taxxi relatati mal-ambjent skont l-attività ekonomika:** taxxi ambjentali għal erba' gruppi ġenerali: l-enerġija, it-trasport, it-tniġġis u r-riżorsi, b'disaggregazzjoni li tkopri 64 industrija kontribwenti kif ukoll unitajiet domestiċi u mhux residenti. L-ċifri kollha tad-dħul mit-taxxa huma konsistenti mal-kontijiet nazzjonali u jistgħu jitqabblu mal-PDG, it-taxxi totali u l-kontribuzzjonijiet soċjali, u aggregati ekonomiċi oħrajn.
- **Il-kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha:** l-ammonti tal-inputs fiżiċi fl-ekonomija, l-akkumulazzjoni ta' materjal fl-ekonomija u l-outputs lejn ekonomiji oħrajn jew lura fl-ambjent.

Il-kontijiet ambjentali Ewropej huma kkompilati skont is-Sistema internazzjonali standard tal-Kontabilità Ekonomika-Ambjentali 2012 – Qafas Ċentrali (“System of Environmental-Economic Accounting 2012 – Central Framework”)³. Dan il-qafas ġie prodott u nħareġ taħt l-

³ <http://unstats.un.org/unsd/envaccounting/seea.asp>

awspieġi tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat), tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, tal-Fond Monetarju Internazzjonali u tal-grupp tal-Bank Dinji.

3. L-IŻVILUPPI LI SARU MILL-AĦĦAR RAPPORT 'L HAWN

3.1. QAFAS LEGALI

Żvilupp importanti li sar mill-aħħar rapport ta' implimentazzjoni 'l hawn kien l-emendar tar-Regolament biż-żieda ta' tliet moduli oħrajn (l-Annessi IV sa VI),⁴ kif ġej:

- **Il-kontijiet tan-nefqa għall-ħarsien tal-ambjent:** in-nefqa mġarrba mill-unitajiet ekonomiċi (entitajiet privati, entitajiet pubbliċi u unitajiet domestiċi) għal għanijiet ta' ħarsien tal-ambjent.
- **Il-kontijiet tas-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali:** informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi li tfasslu u ġew prodotti apposta għall-ħarsien tal-ambjent jew għall-ġestjoni tar-riżorsi. L-impjiegi assoċjati ma' dawn l-attivitajiet huma rrappurtati wkoll.
- **Il-kontijiet tal-fluss fiżiku tal-enerġija:** il-fluss tal-enerġija mill-ambjent lejn l-ekonomija (estrazzjoni ta' inputs naturali), fi ħdan l-ekonomija (manifattura u użu tal-prodotti tal-enerġija) u mill-ekonomija għall-ambjent (skariku ta' residwi tal-enerġija).

Id-dejta meħtieġa skont l-Annessi IV sa VI trid tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) għall-ewwel darba fl-2017 (għandha tiġi pprovduta serje kronoloġika għall-2014 u għas-snin ta' wara)⁵. Bi tħejjija għal dan, il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tippromwovi studji pilota u eżerċizzji volontarji ta' ġbir tad-dejta.

3.2. LEĠIŻLAZZJONI OĦRA GĦAT-TITJIB TAL-KWALITÀ

Fl-2015, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' Implimentazzjoni wieħed u Regolament Delegat wieħed sabiex jikkomplimentaw il-qafas ġenerali stabbilit fir-Regolament. Iż-żewġ Regolamenti tfasslu sabiex jiżguraw komparabbiltà bejn il-pajjiżi u sabiex jiġu infurzati l-istandards tal-kwalità. Kienu kif ġej:

- *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2174 tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-kompjendju indikattiv ta' prodotti u servizzi ambjentali, il-format tat-trażmissjoni tad-dejta għall-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej u l-modalitajiet, l-istruttura u l-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità skont ir-Regolament*

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 113).

⁵ Hemm numru ta' Stati Membri li jibbenefikaw mid-derogi skont id-Deċiżjoni ta'

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/335 tas-7 ta' Marzu 2016 li tagħti derogi mir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej fir-rigward ta' Spanja, Franza, l-Italja u Ċipru (http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/ALL/?uri=uriserv:OJ.L_.2016.062.01.0018.01.MLT).

(UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej⁶.

Dan l-att jistabbilixxi regoli li jimplimentaw ir-Regolament b'rabta ma' tliet suġġetti separati: il-kompjendju indikattiv ta' prodotti u servizzi ambjentali (skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament), il-format tekniku li fih għandha tintbagħat id-dejta lill-Kummissjoni (skont l-Artikolu 6 tar-Regolament) u l-modalitajiet, l-istruttura u l-perjodiċità tar-rapporti dwar il-kwalità (skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament).

Fir-rigward tal-ewwel wieħed mit-tliet suġġetti, l-att jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kontijiet tal-prodotti u s-servizzi ambjentali (l-Anness V tar-Regolament), sabiex ikun iżjed faċli li dan l-Anness jiġi applikat bl-istess mod fil-pajjiżi kollha.

It-tieni u t-tielet suġġetti huma rilevanti għall-moduli kollha fir-Regolament. L-istandards ta' implimentazzjoni għall-format tekniku li fih id-dejta għall-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) (it-tieni suġġett) se jwasslu għal titjib fl-effiċjenza u għal tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-awtoritajiet nazzjonali. Imbagħad jistgħu jintużaw l-istess standards meta tintbagħat dejta statistika għal għanijiet internazzjonali, eż. lill-OECD u lill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawk l-istandards iwasslu għal titjib fl-effiċjenza, eż. it-trażmissjonijiet tad-dejta bejn l-istituzzjonijiet jistgħu jsiru minn magna għal magna mingħajr intervent minn bniedem. Fl-istess ħin, l-introduzzjoni ta' speċifikazzjonijiet għar-rapporti dwar il-kwalità (modalitajiet, struttura u perjodiċità) (it-tielet suġġett) se tiżgura li jkun hemm elementi sabiex il-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' tissorvelja l-kwalità statistika. Ir-rapporti dwar il-kwalità, meħtieġa mill-Artikolu 7 tar-Regolament, huma essenzjali sabiex il-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' tivvaluta l-kwalità tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri. Huma neċessarji wkoll għall-validazzjoni tad-dejta u sabiex jiġu identifikati oqsma fejn hemm bżonn li jsir iktar titjib fil-kwalità.

- *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/172 tal-24 ta' Novembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċifikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija*⁷.

Dan l-att jispeċifika l-prodotti tal-enerġija li jridu jintużaw għall-kontijiet tal-fluss fiżiku tal-enerġija (l-Anness VI tar-Regolament). Il-lista ta' prodotti tal-enerġija tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-klassifikazzjoni li se jintużaw, u dan jiżgura l-kompatibbiltà internazzjonali tad-dejta.

3.3. IL-METODI TA' ĠBIR TAD-DEJTA U L-PIŻ AMMINISTRATTIV

Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali ġeneralment ma jeħtiġux li tinġabar xi dejta ġdida, iżda minflok jużaw id-dejta eżistenti. Dan għaliex isibu u jiġbru dejta minn firxa wiesgħa ta' sorsi,

⁶ http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2015.307.01.0017.01.MLT

⁷ http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2016.033.01.0003.01.MLT&toc=OJ:L:2016:033:TOC

eż. statistiki fuq l-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura, in-nefqa tal-gvernijiet u t-taxxi, u sorsi mhux statistiċi oħrajn, apparti wkoll dejta tal-kontijiet nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw id-dejta eżistenti sabiex iġibuha konformi mal-kunċetti użati fil-kontijiet nazzjonali, u b'hekk jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament.

Il-fatt li l-kontijiet ekonomiċi ambjentali jerġgħu jużaw dejta eżistenti jfisser li l-piż ta' rispons addizzjonali mixhūt fuq in-negozji u l-unitajiet domestiċi huwa żgħir ħafna, diment li jkun jeżistu u jinżammu s-sorsi tad-dejta. Il-pajjiżi jistgħu jagħżlu wkoll li jisfruttaw eżerċizzji speċifiċi ta' ġbir tad-dejta għall-finijiet tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali, li se jgħinu sabiex il-kwalità tad-dejta tittejjeb. Eżempju minnhom ta' fejn sar hekk huwa dak tal-kontijiet tas-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali (l-Anness V tar-Regolament), li għalihom ċerti pajjiżi stabbilixxew sħarriġiet żgħar iddedikati sabiex jikkomplimentaw is-sorsi tad-dejta l-oħrajn tagħhom. Dawn l-isħarriġiet għandhom perjodiċità annwali jew pluriennali u l-piż mixhūt fuq in-negozji huwa żgħir.

Il-ħidma meħtieġa sabiex jiġu prodotti l-kontijiet titwettagħ fil-parti l-kbira tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali (normalment l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika) u tinvolvi l-ipproċessar tad-dejta eżistenti u t-titjib tal-potenzjal analitiku tagħha. In-numru medju ta' membri tal-persunal meħtieġa sabiex jiġu kkompilati l-kontijiet f'kull awtorità nazzjonali huwa ta' erba' sa sitt ekwivalenti għall-full-time b'kolloxx għas-sitt Annessi tar-Regolament. Din l-ispiża fuq il-persunal iżżid valur konsiderevoli mad-dejta bażika u żżid il-potenzjal sabiex jiġu analizzati l-interazzjonijiet reċiproċi. Diversi awtoritajiet nazzjonali użaw studji pilota (kofinanzjati mill-Kummissjoni) sabiex jistabbilixxu l-metodu għall-ipproċessar u l-analiżi tad-dejta.

3.4. IL-FATTIBILTÀ U L-EFFIKAĊJA

Il-moduli stabbiliti fir-Regolament huma ttestjati u pilotati qabel ma l-Kummissjoni tipproponi qafas legali, u b'hekk jiġi żgurat li huma fattibbli (ara t-taqsima 4.2 hawn taħt). L-ittestjar isir f'kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex jiġu sfruttati l-kompetenzi tagħhom u jiġi żgurat li hemm fehim komuni dwar il-fattibbiltà tal-moduli. Bħalissa qegħdin isiru studji pilota ta' moduli ġodda potenzjali ulterjuri.

L-effikaċja tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali tiddependi minn żewġ fatturi. l-ewwel nett, kif l-informazzjoni eżistenti tista' terġa' tiġi organizzata f'qafas komuni; u t-tieni, kif u sa liema punt jintużaw il-kontijiet.

Fir-rigward tal-ewwel punt, il-kontijiet tal-emissjonijiet tal-arja (l-Anness I tar-Regolament) jipprovdu eżempju wieħed ta' kif reġgħat ġiet organizzata l-informazzjoni eżistenti. Il-kontijiet tal-emissjoni tal-arja jużaw informazzjoni diġà miġbura għall-inventarji tal-emissjonijiet tal-ajru għar-rapportar skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira (CLRTAP) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE). Imbagħad tiżdied iktar informazzjoni mad-dejta sabiex din tiġi taqbel mal-klassifikazzjonijiet u l-kunċetti tat-tabelli dwar il-provvista u l-użu u dwar l-input-output użati fil-kontijiet nazzjonali. Imbagħad dawn il-kontijiet jistgħu jintużaw flimkien ma'

kontijiet simili għal, pereżempju, is-setturi tal-enerġija, tat-taxxi ambjentali u tal-ekonomija. Din l-informazzjoni tista' tintuża f'oqfsa kawżali sabiex jiġu deskritti l-interazzjonijiet bejn is-soċjetà u l-ambjent, bħall-qafas "Driving forces, Pressures, State, Impact and Responses (DPSIR)" adottat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Fir-rigward tat-tieni punt, il-kontijiet ambjentali huma l-bażi tas-seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE li se jiġgwida l-politika tal-UE tul il-perjodu sal-2020, "Ngħixu Tajjeb, Fil-Limiti tal-Pjaneta Tagħna".⁸ Jintużaw ukoll fl-inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020 "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi",⁹ peress li l-indikatur ewleni "produttività tar-riżorsi" huwa meħud mill-kontijiet tal-fluss ta' materjal (l-Anness III tar-Regolament). Dak l-Anness jista' jkollu rwol ukoll fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkulari,¹⁰ b'mod partikolari għall-kalkolu tar-rati ta' riċiklaġġ. It-taxxi ambjentali (l-Anness II tar-Regolament) jintużaw fl-istudji dwar ir-riforma fiskali ambjentali dwar l-"ekoloġizzar" tas-Semestru Ewropew¹¹. Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali huma mistennija li jintużaw sabiex jiġu ssorveljati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU¹².

Filwaqt li l-kontijiet ambjentali diġà qegħdin jagħtu sehemhom għal diversi inizjattivi ta' tfassil ta' politika, għadhom ma laħqux il-potenzjal sħiħ tagħhom. Il-kontijiet huma ġodda u għadhom relattivament mhux magħrufin fost l-utenti istituzzjonali. L-istatistiċi jistgħu jaċċelleraw it-tisħiħ tal-għarfien billi jikkomunikaw aħjar u jippromwovu d-dejta li diġà hija disponibbli. L-ispegazzjoni tas-saħħa analitika tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali hija wkoll parti mill-inizjattivi li qegħdin jiġu implimentati bħalissa. L-isforzi sabiex jiżdied l-għarfien jaħdmu id f'id ma' miżuri li jikkonsolidaw il-kontijiet u li jipprovdu garanzija tal-kwalità tagħhom.

3.5. IL-KWALITÀ TAD-DEJTA PPROVDUTA

Din it-taqsimha tiddiskuti fil-qosor il-kwalità tad-dejta ppreżentata mill-Istati Membri għall-Annessi I sa III tar-Regolament fis-snin mill-aħħar rapport ta' implimentazzjoni 'l hawn, jiġifieri mill-2013 sal-2015. Mill-2017 'l hemm l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jippreżentaw dejta għall-Annessi IV sa VI tar-Regolament.

L-2015 kienet l-ewwel sena li fiha kull wieħed mit-28 Stat Membru ppreżenta dejta skont ir-Regolament. In-Norveġja u l-Iżvizzera pprovdew dejta wkoll, iżda l-Iżlanda le (ir-Regolament għandu rilevanza għaż-ŻEE). Barra minn hekk, għadd ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għas-sħubija fl-UE ppreżentaw xi dejta wkoll. Il-Eurostat iqiegħed din

⁸ <http://ec.europa.eu/environment/action-programme/>

⁹ <http://ec.europa.eu/resource-efficient-europe/>

¹⁰ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1453384154337&uri=CELEX:52015DC0614>

¹¹ http://ec.europa.eu/environment/integration/green_semester/news_en.htm

¹² <http://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals/>

id-dejta għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq is-sit web tiegħu,¹³ flimkien ma' spjegazzjonijiet tekniċi (metadejta) u taqsima mfassla apposta¹⁴ li tipprovdi informazzjoni ta' sfond.

Il-kwalità tad-dejta riċevuta rat titjib sinifikanti bejn l-2013 u l-2015. Dan minħabba żewġ raġunijiet: l-ewwel nett, id-derogi temporanji¹⁵ mogħtija lil sitt Stati Membri għat-trażmissjoni tad-dejta skont l-Annessi I sa III tar-Regolament waslu fi tmiemhom. Dan wassal sabiex fl-2015 id-dejta kienet disponibbli għal kull Stat Membru, u b'hekk għet issimplifikata l-produzzjoni tal-aggregati għall-UE. It-tieni, ċerti diffikultajiet esperjenzati fl-2013 u l-2014 b'rabta mat-tlestija tal-kwestjonarju fil-ħin ġew solvuti sal-2015.

Aspett ieħor huwa l-kompletezza tal-kwestjonarji. Rigward l-Anness I tar-Regolament, fl-2015 ħafna mill-pajjiżi pprovdew kwestjonarji li kienu kompluti sa punt raġonevoli. Il-kopertura tad-dejta ta' Malta kienet insuffiċjenti u l-Kummissjoni (Eurostat) stmat ħafna mid-dejta li għet ippubblikata. Fir-rigward tal-Anness II tar-Regolament, it-tabelli kollha kienu rrappurtati għas-snin kollha meħtieġa. Madankollu, il-Kroazja ma allokatx id-dħul kollu mit-taxxa skont l-attivitajiet ekonomiċi. Fir-rigward tal-Anness III tar-Regolament, it-tabelli obbligatorji kollha ġew irrappurtati mill-pajjiżi kollha fl-2015. Fis-snin ta' qabel, diversi pajjiżi ma rnexxilhomx jipprovdu d-dejta dwar il-kummerċ barra l-UE b'mod konsistenti u, minflok, irrappurtaw dwar il-kummerċ barra l-UE27, tal-inqas għal ċerti statistiki.

Ġew identifikati diversi oqsma u entrati speċifiċi li għalihom il-pajjiżi jsibuha diffiċli li jiżguraw li d-dejta hija ta' kwalità tajba. Ir-rapporti dwar il-kwalità ppermettew sabiex ġew identifikati l-problemi tekniċi li ġejjin, li fihom hemm bżonn li jsir iktar titjib:

- L-Anness I: id-diffikultajiet ewlenin jinvolvu r-rikonċiljazzjoni tad-dejta mal-istimi prodotti sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' rapportar stabbiliti mill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Konvenzjoni tan-NU/KEE fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira ("elementi ta' konnessjoni"), il-kopertura tal-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati u l-allokazzjoni ta' emissjonijiet tat-trasport bit-triq għall-industriji tal-NACE.
- L-Anness II: id-diffikultà ewlenija għal madwar nofs l-Istati Membri hija marbuta mal-istima tat-taxxi li jħallsu persuni mhux residenti. Barra minn hekk, ċerti pajjiżi allokaw id-dħul mit-taxxa għall-attivitajiet ekonomiċi billi użaw id-dejta amministrattiva li mhijiex adattata għal dan l-għan. Dawn il-kwistjonijiet huma fil-proċess li jiġu solvuti. Kooperazzjoni aħjar mal-awtoritajiet li jipproduċu l-Kontijiet Nazzjonali se tiffaċilita l-konsistenza.
- L-Anness III: l-entrati li jippreżentaw diffikultajiet huma dawk li jeħtieġu stima, tal-inqas parzjali, minħabba nuqqas ta' statistiki disponibbli. Dawn jinkludu: residwi tal-għelejjel, għelejjel tal-ġhalf u bijomassa għar-ragħa, l-estrazzjoni ta' ramel u żrar, u l-aġġustament għall-prinċipju ta' residenza.

¹³ <http://ec.europa.eu/eurostat/data/database>

¹⁴ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/environment/overview>

¹⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/691/UE tas-6 ta' Novembru 2012 (<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:32012D0691>).

B'mod ġenerali, id-dejta statistika ppreżentata mill-Istati Membri skont ir-Regolament hija ta' kwalità għolja. Għad hemm numru ta' oqsma fejn hemm bżonn li jsir titjib, u l-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tkompli taħdem mal-Istati Membri sabiex jiġu solvuti l-problemi f'livell tekniku. Qegħdin jiġu implimentati jew huma ppjanati diversi miżuri sabiex iġebu l-kwalità, kif inhu spjegat fit-taqsima 4.2.

4. L-AZZJONIJIET GĦAT-TITJIB

Din it-taqsima tiddiskuti l-proposti għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali (is-subtaqsima 4.1) u l-miżuri li qegħdin jittieħdu sabiex jitjiebu l-kwalità tad-dejta u l-metodi ta' ġbir tad-dejta (is-subtaqsima 4.2), kif meħtieġ skont l-Artikolu 10 tar-Regolament.

L-inizjattivi ppreżentati f'din it-taqsima huma r-risultati ta' żewġ strateġiji ewlenin. L-ewwel waħda hija l-istrateġija ta' implimentazzjoni¹⁶ li ġiet approvata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fi Frar 2013 għall-Qafas Ċentrali tas-Sistema ta' Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali, li hija l-istandard statistiku internazzjonali li jsegwu l-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej. Din l-istrateġija ta' implimentazzjoni mifruxa madwar id-dinja tirrakkomanda approċċ flessibbli u modulari, sabiex jiġu akkomodati ħtiġijiet ta' politika u livelli ta' disponibbiltà tad-dejta differenti.

It-tieni hija l-Istrateġija Ewropea dwar il-Kontijiet Ambjentali għall-perjodu bejn l-2014 u l-2018.¹⁷ Dan huwa programm ta' ħidma ulterjuri miftiehem bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri fil-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. L-Istrateġija tikkordina l-isforzi Ewropej u twitti t-triq għal moduli ġodda possibbli fir-Regolament. Il-programm ta' ħidma tal-Istrateġija għall-perjodu bejn l-2014 u l-2018 jiffoka fuq:

- il-konsolidazzjoni tal-kwalità tal-kontijiet fl-Annessi I sa III tar-Regolament (emissjonijiet tal-arja, taxxi ambjentali u flussi ta' materjal);
- il-promozzjoni tal-użu tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali eżistenti;
- it-titjib fil-puntwalità tal-kontijiet, inkluż bl-iżvilupp ta' stimuli bikrin, sabiex l-aspetti tal-politika ambjentali jingħataw prominenza ikbar fl-ippjanar ekonomiku;
- l-implimentazzjoni tal-kontijiet fl-Annessi IV sa VI tar-Regolament (nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent, il-prodotti ambjentali u s-settur tas-servizzi u l-kontijiet tal-fluss fiżiku tal-enerġija);
- l-investiment fl-infrastruttura statistika (jiġifieri metodoloġiji ta' referenza, klassifikazzjonijiet, softwer speċjalizzat, eċċ.) sabiex jitjiebu d-disponibbiltà, il-kwalità u l-utilità tal-kontijiet ambjentali;
- l-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-ġabriet ta' dejta volontarji u t-tneġġija ta' dawn f'oqsma oħrajn (ilma u foresti, sussidji ambjentali u trasferimenti simili u nefqa fuq il-ġestjoni tar-riżorsi).

¹⁶ <http://unstats.un.org/unsd/statcom/doc13/BG-SEEA-Implementation.pdf>

¹⁷ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1798247/6079569/ESSC-2014-21-EN-24-EuropeanStrategy-env.pdf>

L-Istrateġija Ewropea dwar il-Kontijiet Ambjentali ma tipprevjenix lill-Istati Membri individwali milli jiżviluppaw flussi tax-xogħol oħrajn ukoll, skont iċ-ċirkustanzi nazzjonali, il-ħtiġijiet ta' politika u l-mezzi finanzjarji tagħhom.

4.1. IL-PROPOSTI GĦAL MODULI ĠODDA

Mill-aħħar rapport dwar il-progress 'l hawn, kif inhu spjegat fit-taqsimha 3.1 ġew adottati tlieta mill-oqsma proposti bħala suġġetti għal moduli ġodda skont l-Artikolu 10 tar-Regolament. Dawn huma stabbiliti fl-Annessi IV sa VI tar-Regolament, u huma: il-kontijiet tan-nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent, is-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali, u l-kontijiet tal-flussi fiżiċi tal-enerġija.

Saru żviluppi wkoll f'oqsma oħrajn elenkati fl-Artikolu 10 tar-Regolament, inkluż dawn li ġejjin:

- Task force ta' Stati Membri b'esperjenza żviluppat qafas għall-ġbir tad-dejta dwar is-sussidji ambjentali u trasferimenti oħrajn. Il-Eurostat ippubblika linji gwida u l-ewwel ġbir ta' dejta seħħ fl-2015. Dak il-qafas u l-linji gwida jispjegaw il-kunċetti rilevanti u t-tabelli ta' rapportar u jindikaw kif għandha tinġabar id-dejta. Is-sussidji ambjentali huma qasam iktar impenjattiv mit-taxxi ambjentali għaliex iż-żamma ta' rekords fl-istatistika dwar il-finanzi pubbliċi hija iktar kumplessa.
- Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tħejji manwal dwar il-kontijiet tan-nefqa fuq il-ġestjoni tar-riżorsi. Hemm ċerti similaritajiet bejn dan u l-modulu legali dwar il-kontijiet tan-nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent (l-Anness IV tar-Regolament), u dan ifisser li l-esperjenza miksuba f'dan il-qasam imsemmi l-aħħar wara l-2017 se tgħin sabiex jittieħdu deċiżjonijiet fuq kif nipproċedu fuq dak imsemmi l-ewwel.
- Il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq proġett sperimentali dwar il-kontabilità integrata tas-servizzi tal-kapital naturali u tal-ekosistemi. Dan huwa proġett fit-tul skedat sabiex jipproduċi riżultati sal-2020. L-oġettivi ewlenin huma li jiġu integrati s-settijiet ta' dejta eżistenti fil-livell tal-UE (immaġni bis-satellita, mudelli u sħarrijiet dwar l-użu u l-kopertura tal-art) u sabiex jiġu sfruttati l-kompetenzi tal-imsieħba tal-proġetti sabiex jiġi żviluppat qafas konsistenti tal-UE li jkun kompatibbli ma' kontijiet iktar dettaljati fil-livell nazzjonali.
- Il-Kummissjoni (Eurostat) ħaffet u ssimplifikat il-qafas eżistenti u l-eżerċizzju volontarju ta' ġbir tad-dejta għall-kontijiet tal-foresti. Dan l-eżerċizzju kien neċessarju għaliex il-piloti fl-imgħoddi ma laħqux dak li kienu qegħdin jistennew minnhom l-utenti u ma kienx hemm domanda għolja biżżejjed.
- Il-Kummissjoni (Eurostat) wettqet ħidma kunċettwali bażika fuq il-kontijiet dwar il-flussi fiżiċi tal-ilma għall-kontijiet tal-ilma. Din hija ddokumentata f'abbozz ta' manwal. Ma tnieda ebda ġbir ta' dejta.

Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tikseb l-esperjenza fl-oqsma msemmijin hawn fuq, bil-għan li fil-ġejjieni jkunilha possibbli li tintroduċi titjib, iżda għadha ma pproponiet ebda bidla fir-Regolament. L-iżvilupp ta' moduli ġodda għadu għaddej iżda iktar bil-mod. Il-moduli li jipproduċu l-iktar benefiċċji bl-inqas spejjeż kienu dawk diġà introdotti fir-Regolament. Il-

moduli potenzjali ġodda li jifdal għandhom inqas benefiċċji u jiswew iktar flus b'mod proporzjonat. Il-produzzjoni tal-kontijiet tista' tkun tinvolvi ħafna flus, eż. jekk is-sorsi ta' dejta sottostanti ma jkunux għandhom jeżistu jew ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni u, għalhekk, ikollhom jinħolqu jew jiġu ssupplimentati.

Mill-oqsma fejn qegħdin isiru żviluppi ġodda, forsi l-kontijiet tas-sussidji ambjentali huma l-iktar qasam promettenti fit-terminu qasir. Bil-qbil u l-kooperazzjoni tal-Istati Membri, fl-2015 ġie introdott eżerċizzju volontarju, annwali u regolari ta' ġbir tad-dejta. Il-ħidma sperimentali fuq il-kontijiet tal-ekosistemi se tkun fokus hija wkoll. Il-monitoraġġ tal-progress lejn ekonomija ċirkolari kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari”¹⁸ jeħtieġ sett ta' indikaturi bbażati fuq diversi sorsi, fosthom il-kontijiet ambjentali (il-kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha) u l-istatistiki dwar l-iskart.

Fl-istess ħin, qiegħda ssir ħidma sabiex tkompli titjeb il-kwalità tal-moduli eżistenti, fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba sal-lum.

Id-diskussjonijiet tekniċi li saru fid-DIMESA¹⁹ bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri kkonkludew li, fil-fatt, uħud mill-oqsma elenkati bħala moduli futuri potenzjali fl-Artikolu 10 tar-Regolament ma jkunux oqsma adatti għall-iżvilupp. Dan huwa l-każ għall-“kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha” u l-“materjal imħaffer mill-art mhux użat (inkluża l-ħamrija)”. Ir-rilevanza ta' dawn il-kontijiet hija limitata f'ħafna mill-pajjiżi, u huwa diffiċli li jiġu prodotti stimi preċiżi biżżejjed sabiex isiru xierqa għat-tfassil ta' politika.

4.2. IT-TITJIB FIL-KWALITÀ: L-IŻVILUPPI RIĊENTI

Skont l-Istrateġija Ewropea dwar il-Kontijiet Ambjentali, it-titjib fil-kwalità tal-kontijiet kien qasam ewlieni ta' enfasi għal dawn l-aħħar snin, u se jibqa' tali fil-perjodu li ġej. It-titjib fil-kwalità għandu benefiċċji indiretti wkoll, peress li jżid ir-rilevanza tal-istatistiki u jagħmilha possibbli li jinkiseb titjib fl-effiċjenza, li min-naħa tagħhom inaqqsu l-piż amministrattiv.

Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tkompli tgħin lill-Istati Membri sabiex itejbu l-kwalità tal-kontijiet b'diversi modi, inkluż:

- a) **Billi tipprovdi għotjiet għal studji pilota u għal titjib fil-kwalità.** L-Artikolu 4 tar-Regolament jistieden lill-Kummissjoni tfassal programm ta' studji pilota li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri fuq bażi volontarja. L-għan tal-istudji huwa li jiżviluppaw metodi ta' rapportar u jtejbu l-kwalità tad-dejta sabiex jistabbilixxu sensiela ta' żmien twila, ħalli jiżviluppaw il-metodi użati għall-ipproċessar tad-dejta u sabiex jittestjaw kemm hija fattibbli l-introduzzjoni ta' moduli tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali ġodda. Il-Kummissjoni (Eurostat) ikkofinanzjat studji pilota ta' kull sena (sa 70 % tal-ispejjeż) u

¹⁸ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1453384154337&uri=CELEX:52015DC0614>

¹⁹ Laqgħa tad-Diretturi tal-istatistiki u l-kontijiet settorjali u ambjentali, Ġunju 2015.

ppubblikat ir-riżultati fuq is-sit tas-CIRCABC²⁰. Dawn is-sejbiet jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġu ppjanati t-titjib fil-kwalità u l-introduzzjoni ta' moduli tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali ġodda.

- b) **It-tnaqqis taż-żmien meħtieġ sa ma tkun disponibbli d-dejta billi jiġu pprovduti stimi bikrin.** Sal-lum, il-kontijiet ambjentali tqiesu li huma dejta strutturali kemxejn dettaljata. Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda taħdem mal-Istati Membri sabiex tivvaluta jekk il-kontijiet ambjentali jistgħux jiġu kkompilati qabel, u fuq dan il-punt sar progress konsiderevoli. Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tistħarreġ ukoll modi kif tipproduċi stimi bikrin għal uħud mill-indikaturi ewlenin. Dawn l-istimi jkollhom marġni ta' żball ikbar u jkunu inqas dettaljati mill-istimi meħtieġa mir-Regolament, iżda jkunu joffru informazzjoni bikrija siewja lill-utenti. Issa l-Eurostat bdiet tipproduċi u tippubblika stimi bikrin tal-kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha (l-Anness III tar-Regolament) seba' xhur wara li tintemm is-sena ta' referenza. Dan huwa titjib konsiderevoli, peress li l-limitu ta' żmien mogħti fir-Regolament għat-trażmissjoni tad-dejta huwa ta' 24 xahar. B'mod simili, il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda ttipprova tibda tipproduċi stimi bikrin għall-kontijiet tal-prodotti u s-servizzi ambjentali (l-Anness V tar-Regolament) ukoll. Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tgħaqqad id-dejta miġbura fuq it-taxxi ambjentali (l-Anness II tar-Regolament) ma' dejta dwar il-listi ta' taxxi nazzjonali kkompilata għall-programm ta' trażmissjoni ESA2010 tal-Kontijiet Nazzjonali²¹. Dan jippermetti sabiex l-istatistiki jiġu prodotti ftit xhur minn qabel, bla ma jiżdied il-piż fuq l-Istati Membri. Bħalissa qegħdin jiġu mixtarra l-alternattivi possibbli sabiex jiġu kkompilati l-istimi għall-kontijiet tal-emissjonijiet tal-arja (l-Anness I tar-Regolament) minn sena qabel.
- c) **L-istabbiliment ta' eżerċizzji annwali volontarji ta' ġbir tad-dejta** bi tħejjija għar-rapportar obligatorju. Bħalissa qiegħda tinġabar dejta fuq bażi volontarja għall-Annessi IV sa VI tar-Regolament (kontijiet tan-nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent, il-kontijiet tas-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali u l-kontijiet tal-fluss fiżiku tal-enerġija). FI-2015 tnieda eżerċizzju ġdid ta' ġbir tad-dejta dwar is-sussidji ambjentali u trasferimenti simili.
- d) **Il-produzzjoni ta' aggregati tal-UE anki meta jkun hemm xi dejta tal-Istati Membri nieqsa.** Għal dawk li jfasslu l-politika f'livell Ewropew huwa ferm importanti li jkollhom stimi li jkopru l-UE. Il-metodu prestabbilit għall-produzzjoni ta' statistiki fil-livell tal-UE huwa l-aggregazzjoni tad-dejta tal-Istati Membri. Meta dan ma jkunx possibbli, għaliex ma jkunx hemm biżżejjed dejta nazzjonali, il-Kummissjoni (Eurostat) tuża tekniki alternattivi. Dan huwa minnu b'mod partikolari għall-kontijiet tal-prodotti u s-servizzi ambjentali (l-Anness V tar-Regolament) u l-kontijiet tan-nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent (l-Anness IV tar-Regolament), li għalihom l-Istati Membri għadhom qegħdin jibagħtu d-dejta fuq bażi volontarja.
- e) **Il-pubblikazzjoni ta' manwali u l-għoti ta' gwida metodoloġika.** Mill-2013 'l hawn, il-Kummissjoni (Eurostat) ippubblikat il-manwali u l-linji gwida li ġejjin: It-taxxi

²⁰ <https://circabc.europa.eu/w/browse/322c6d18-a4d8-4771-ba7c-3432b8da31c1>

²¹ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:32013R0549>

ambjentali²² (2013), is-sussidji ambjentali u trasferimenti simili²³ (2015) u l-kontijiet tal-emissjonijiet tal-arja²⁴ (2015). Barra minn hekk, diversi metodoloġiji oħrajn tqiegħdu għad-dispożizzjoni b'mod pubbliku bħala dokumenti ta' ħidma (kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha²⁵ (2013), kontijiet tal-fluss fiżiku tal-enerġija²⁶ (2014), kontijiet tan-nefqa fuq il-ġestjoni tar-riżorsi²⁷ (2014) u l-kontijiet tas-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali²⁸ (2015)). Għall-2016 qegħdin jitħejjew tliet pubblikazzjonijiet metodoloġiċi oħrajn (is-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali, il-kontijiet tan-nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent u l-kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha). Dan il-materjal ta' referenza jiffaċilita l-produzzjoni ta' statistiki u jintuża minn statistiki kemm fi ħdan kif ukoll barra mill-UE.

- f) **Il-forniment ta' għodod tal-kompilazzjoni.** Il-Kummissjoni (Eurostat) tagħmel għodod għall-kompilazzjoni tal-kontijiet disponibbli għall-Istati Membri u pajjiżi oħrajn. Pereżempju, tipprovdi għodda informatika, imsejħa PEFA-Builder, li tikkompila kontijiet tal-fluss fiżiku tal-enerġija (l-Anness VI tar-Regolament) fuq il-bażi tal-istatistiki dwar l-enerġija. Il-Kummissjoni (Eurostat) iżżomm ukoll listi (klassifikazzjonijiet) aġġornati tal-prodotti u l-attivitajiet meħtieġa sabiex jiġu kkompilati l-kontijiet. Il-Kummissjoni (Eurostat) tipprovdi għodod għall-kalkolu tal-impronti, li jkejlu l-impatt tal-atturi ekonomiċi fl-ambjent meta jużaw riżorsi naturali. L-impronti jinkisbu billi jingħaqdu l-kontijiet ekonomiċi ambjentali ma' statistiki oħrajn bħal tabelli tal-input-output.
- g) **Il-faċilitazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ** bħala parti mill-Programm Ewropew ta' Taħriġ fl-Istatistika. Il-Kummissjoni torganizza madwar erba' korsijiet fis-sena fuq il-kontijiet ekonomiċi ambjentali. Il-materjal użat fil-korsijiet tal-imġhoddi huwa ppubblikat fuq is-sit tas-CIRCABC²⁹.
- h) **Il-promozzjoni tal-iskambju ta' esperjenza bejn pajjiżi.** Il-Kummissjoni (Eurostat) torganizza żewġ gruppi ta' ħidma li jiltaqgħu kull sena sabiex jaqsmu esperjenzi, jidentifikaw l-aħjar prattiki u jikkoordinaw it-titjib. Hemm ukoll diversi task forces li jistudjaw problemi metodoloġiċi speċifiċi u jipproponu rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni (Eurostat) tieħu sehem fl-inizjattivi internazzjonali organizzati mill-OECD, in-NU/KEE u n-NU.
- i) **L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għal problemi metodoloġiċi kbar.** Minbarra l-ħidma li qiegħda titwettagħ sabiex titjieb il-kwalità tal-Annessi I sa III tar-Regolament elenkata fit-

²² <http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-GQ-13-005>

²³ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-GQ-15-005-EN-N>

²⁴ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-GQ-15-009>

²⁵ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1798247/6191533/2013-EW-MFA-Guide-10Sep2013.pdf/54087dfb-1fb0-40f2-b1e4-64ed22ae3f4c>

²⁶ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1798247/6191537/PEFA-Manual-2014-v20140515.pdf/12d7dcb3-cc66-46fd-bcb7-45bbbe9ba541>

²⁷ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1798247/6191545/1-Resource-management-expenditure-accounts---draft-guidelines-2014.pdf/>

²⁸ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1798247/6191549/Practical-guide-towards-compiling-EGSS-statistics-March2015.pdf/f0f8c6c1-0ae9-4f53-9c94-afcc190cc5ba>

²⁹ <https://circabc.europa.eu/w/browse/6ade1ca8-6a06-44bd-bff0-498217d0ec05>

taqsimiet 3.5 u 4.2, il-Kummissjoni (Eurostat) identifikat l-isfidi metodoloġiċi marbutin mal-Annessi IV sa VI il-ġodda tar-Regolament, u qiegħda taħdem sabiex issolvi dawn il-problemi. L-isfidi ewlenin għall-Istati Membri qegħdin jiddeterminaw l-allokazzjoni tal-emissjonijiet u l-użu tar-riżorsi naturali mill-industrija tal-NACE u l-iżvilupp ta' qafas integrat għall-moduli monetarji tal-kontijiet ambjentali (in-nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent, in-nefqa fuq il-ġestjoni tar-riżorsi, is-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali u t-taxxi u s-sussidji ambjentali). Qafas integrat għall-kontijiet ambjentali monetarji jippermetti sabiex il-moduli differenti jiġu prodotti bl-istess mod minn sett ta' sorsi ta' dejta komuni, u b'hekk għandu l-potenzjal li jnaqqas il-piż amministrattiv.